# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 1176/97**

**Numru 25**

**Maria Calleja**

**vs**

**Joseph Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li prevja d-dikjarazzjoni li l-incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Novembru, 1996 fl-4.00p.m. fi Triq San Lawrenz, Gwardamangia, sehh b'tort uniku tal-konvenut meta bi traskuragni, b'imprudenza, b'negligenza u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa saq il-vettura Mini Minor N-5700 minn posizzjoni ta' parkegg ghal fuq il-vettura Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni IAB-423, propjeta' tal-attrici bir-rizultat li laqatha f'gembha u kwindi kkawzalha danni li ma jaqbzux l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200), il-konvenut ihallas lill-attrici l-istess danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Mejju 1997 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz sad-data tal-hlas eventwali - ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) li bih eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident tat-traffiku meritu ta' l-avviz ma garax tort tieghu, u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attrici in linea ta' danni, liema danni f'kwalunkwe kaz huma ezagerati.

3. Salve eccezzjonjiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici, permezz ta' xhieda sottomessa bil-procedura ta' "affidavid" (Fol 7 sa 14 tal-atti) spjegat li fis-6 ta' Novembru 1996 ghall-habta tal-4pm

kienet qed issuq il-karozza tal-marka "Ford Fiesta" bin-numru IAB 423 akkumpanjata minn hutha Joseph riekeb fuq wara u Antoine Calleja. Hi kienet ghaddejja minn Triq San Lawrenz ossija wahda li hi "one way" sabiex tidhol fil-parkegg tal-Isptar ta' San Luqa. Waqt li hi kienet sejra f'din id-direzzjoni, hi hasset daqqa fuq il-genb tal-lemin tal-karozza taghha, fin-naha ta' wara (ara r-ritratti esebiti minna a fol 9 u 10 tal-atti). Hawnhekk hi rat li din id-daqqa kienet giet kagunata minn karozza "Mini Minor" misjuqa mill-konvenut. Inoltre mad-daqqa hi inhasdet u ma waqfetx mal-ewwel anzi baqghet issuq kemm kemm il-quddiem. In rigward l-istess triq, hi ddeskrivitha bhala "impendla" waqt li wara l-incident hi rat ghafsa taht il-fanal ta' quddiem tax-xellug fuq il-karozza misjuqa mill-konvenut. Inoltre hi kienet rat lill-konvenut, wara li saret il-habta, jindjetregga il-karozza tieghu, johrog minnha u jsakkarha "u kien ser jibqa' sejjer kieku ma waqfuhx huti".

Ikkunsidrat

Illi Antoine Calleja, gja msemmi (fol 15 u 16 tal-atti) kien riekeb fuq quddiem, fl-istess vettura ta' ohtu, l-attrici u tenna li kien hass "bhal xi hadd jolqot il-karozza ta' ohti fuq in-naha ta' wara fil-genb tan-naha tas-sewwieq". Hu kompla jghid li kienu ghaddejjin bil-mod sabiex jsibu post fejn jipparkeggaw il-karozza tal-attrici meta sema lil huh Joseph jghajjat "li xi hadd kien laqatna". Ghalhekk hu hares lura u ra "Mini Monor" sejra lura ftit. Wara l-istess incident hu nnota li fuq il-genb tal-vettura ta' ohtu fuq il-

”mudguard” ta’ wara kien hemm ghafsa, li ma kienetx hemm qabel l-istess habta waqt li l-karozza l-ohra misjuqa mill-konvenut kellha ghafsa taht il-fanal tax-xellug ta’ quddiem. Da parti tieghu Joseph Calleja (fol 17 u 18 ibid) xehed li kien riekeb fuq wara waqt li ohtu kienet qed issuq, bil-mod, sabiex issib post fejn jipparkeggaw il-karozza tal-attrici. Hawnhekk fuq il-lemin tieghu hu ra l-karozza tal-konvenut waqt li kienet “niezla l-isfel ghal fuq il-vettura ta’ ohti”. Difatti wara li din laqtet il-vettura taghhom, giet indjetreggata u parkeggata presumibilment fuq in-naha tal-lemin tat-triq, flimkien ma karozzi ohrajn.

Ikkunsidrat

Illi PS 690 Carmel Pace (fol 30 et seq ibid) esebixxa kopja tal-iskizz u tar-rapport relattiv ghal dan l-incident. Jigi notat fix-xhieda moghtija minnu illi hu qal “..... anke s-sewweq, cjoe il-konvenut qalli li kien qed jirriversja u laqat lill-attrici” ossija “.... li kif ra lill-attrici gejja huwa waqaf”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 45 et seq ibid) sostna li kien ra post vojt fuq il-lemin tal-istess triq sabiex jista’ jipparkegga il-vettura tieghu. Ghalhekk, hu waqaf, indjetregga u pparkegga l-vettura tieghu. Meta nizel mill-istess karozza u kien qed jsakkarha gie avvicinat minn zewg guvintur u mara li kienu

f'karozza ohra u dawn allegaw li kien laqat din il-vettura. In rigward dan, pero hu testwalment qal "Meta kont qed nirriversja biex nidhol ma rajt l-ebda karozza ohra li stajt lqatt" jew ".... lanqas ma smajt xi hoss li forsi jindika li lqatt vettura ohra". L-uniku hoss li kien sema' kien "klikk" izda meta kien qed jaqfel il-vettura tieghu. Il-konvenut, ulterjorment, allega li l-attrici kienet qalet fuq il-post tal-incident anke presenti l-Pulizija, illi ".... parti mit-taghtina (fil-karozza tal-attrici) kienet diga hemmhekk qabel l-incident". Inoltre fil-vettura tieghu ma kienx hemm hsara hlief "dawra zghira" .... mal-fanal ta' quddiem".

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl tal-provi kif esposti u taz-zewg versjonijiet tal-fatti moghtija mill-partijiet involuti, il-Qorti rat jekk kienx hemm xi prova attendibbli, oggettiva u indipendenti mill-istess partijiet, sabiex tara liema minnhom hi dik li tirrispekkja dak li attwalment gara f'dan il-kaz. Peress illi l-attrici kellha tipprova dak li allegat fuq basi ta' probabilta, il-Qorti tara li tali prova fil-grad premess ma tesistix f'dan il-kaz u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tiskarta dak li xehed il-konvenut kif hemm fuq sintetizzat. Konsegwentement il-Qorti ma tistax takkoji t-talbiet attrici in vista li f'dan il-kaz hemm nuqqas ta' provi kif trid il-ligi, idonei sabiex jigi stabbilit li dak li allegaw u xehdu l-attrici u hutha probabilment gara.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

Alan Calleja
Dep.Reg